Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,231, 12 ta' Lulju, 2019
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXI tal-2019

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jintroduċi l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, sabiex jirregola l-ġestjoni finanzjarja tal-Gvern, sabiex jiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-assi u obbligi, id-dħul u l-ħruġ ta' flus, id-dħul u l-ispiża tal-Gvern; sabiex jiddefinixxi l-obbligi tal-impjegati pubbliċi li għandhom ir-responsabilità li jiġġestixxu l-finanzi tal-Gvern; sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra konnessi ma' jew inċidentali għall-iskopijiet fuq imsemmija, u sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontabilità tal-finanzi u riżorsi pubbliċi, kif ukoll il-kontroll u l-awditjar tagħhom.

ACT No. XXI of 2019

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to introduce the Public Finance Management Act, to regulate financial management in Government, to ensure the effective and efficient management of all assets and liabilities, cash flow, and revenue and expenditure of the Government; to define responsibilities of public employees entrusted with the financial management of Government; to provide for other matters related with or incidental to the purposes aforesaid, and to provide for the regulation, management and accountability of public funds and resources, and the control and auditing thereof.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

12 ta' Lulju, 2019

ATT Nru XXI tal-2019

ATT sabiex jintroduċi l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, sabiex jirregola l-ġestjoni finanzjarja tal-Gvern, sabiex jiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tal-assi u obbligi, id-dħul u l-ħruġ ta' flus, id-dħul u l-ispiża tal-Gvern; sabiex jiddefinixxi l-obbligi tal-impjegati pubbliċi li għandhom ir-responsabilità li jiġġestixxu l-finanzi tal-Gvern; sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra konnessi ma' jew inċidentali għall-iskopijiet fuq imsemmija, u sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontabilità tal-finanzi u riżorsi pubbliċi, kif ukoll il-kontroll u l-awditjar tagħhom.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

A 1038

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1 – 2
Taqsima II	Amministrazzjoni tal-Att	3 – 4
Taqsima III	Funzjonijiet u Responsabilitajiet	5 – 8
Taqsima IV	Estimi u Approprjazzjoni	9 – 13
Taqsima V	Ġbir u Ħlasijiet ta' Flejjes u Arranġamenti Bankarji	14 – 31
Taqsima VI	Kontijiet u Rappurtar	32 – 43
Taqsima VII	Kontroll Finanzjarju	44 – 55
Taqsima VIII	Verifika u Assigurazzjoni	56 – 60
Taqsima IX	Investimenti	61 – 67
Taqsima X	Ġestjoni u Kontroll tal-Assi	68 – 76
Taqsima XI	Dispożizzjonijiet Ġenerali	77 – 82
	SKEDA	

TAQSIMA I
PRELIMINARI

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2019 dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Finanzi jista' b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti u arranġamenti transitorji differenti fir-rigward ta' dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. F'dan l-Att sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"*Accountant General*" tfisser l-uffiċjal ewlieni ta' kontijiet tal-Gvern u għandu jkun il-persuna vestita bil-funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-*Accountant General*, jew li twettaqhom, u li jiġġestixxi u jissuperviżjona l-operazzjonijiet ta' kontabilità konsolidati tal-Gvern;

"amministrazzjoni pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, inklużi l-ministeri u dipartimenti, u l-aġenziji, entitajiet pubbliċi, kummissjonijiet u bordijiet li ssir riferenza għalihom f'dan l-Att;

"assi" tfisser riżorsa li preżentement hija kkontrollata minn xi ministeru, dipartiment jew entità pubblika b'riżultat ta' avveniment li seħħ fil-passat u li minnha mistennija benefiċċji ekonomiċi futuri jew potenzjalment servizzi lejn il-ministeru, dipartiment jew entità pubblika;

"att ta' approprjazzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fil-Kostituzzjoni;

"Awditur Ġenerali" tfisser l-Awditur Ġenerali maħtur skont l-artikolu 108 tal-Kostituzzjoni u regolat mill-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; Kap. 396.

"awtoritajiet kontraenti" tfisser l-awtoritajiet Statali jew lokali, korpi regolati mil-liġi pubblika, jew assoċjazzjonijiet maħluqa minn dawn l-awtoritajiet jew korpi regolati mil-liġi pubblika;

"baġit" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali; Kap. 534.

"bank" tfisser kull bank li minn żmien għal żmien ikun inkarigat biż-żamma ta' flejjes pubbliċi tal-Gvern ta' Malta;

"dejn pubbliku" tfisser dejn pubbliku kif imsemmi fl-artikolu 106 tal-Kostituzzjoni;

"dħul" tfisser it-taxxi, imposti, rati u dazji kollha u l-flejjes l-oħra kollha miġbura jew riċevuti f'isem jew akkont tal-Fond Konsolidat;

"direttur tal-verifika interna" tfisser il-persuna responsabbli mill-awditjar intern u investigazzjonijiet finanzjarji skont l-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji; Kap. 461.

"dispożizzjoni relevanti" għall-finijiet ta' dan l-Att tfisser kull dispożizzjoni ta' kull leġiżlazzjoni, li tirregola kull relazzjoni jew obbligazzjoni finanzjarja, li teżisti jew maħluqa f'kull manjiera jew forma, bejn kull persuna u l-Gvern jew korp jew fond stabbilit taħt kull trattat jew ftehim internazzjonali li daħlet fih Malta;

"entitajiet pubbliċi" kif użata f'dan l-Att, tinkludi kull aġenzija, awtorità lokali, korporazzjoni, korp ġuridiku, awtorità u kull entità oħra li l-poteri, il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha ġew mogħtija u assenjati lilha minn awtorità mwaqqfa jew kostitwita mill-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra, jew kull soċjetà kummerċjali li għandu interess fiha l-Gvern, jew li hija ffinanzjata b'mod sħiħ jew parzjali minn fondi pubbliċi;

"estimi" tfisser l-estimi, preżentati quddiem il-Kamra dwar xi sena finanzjarja, tan-nefqa għas-servizz ta' dik is-sena finanzjarja u tinkludi kull estimi supplimentari ta' nefqa li

għaliha jkun meħtieġ li jiġi provdut wara li l-estimi jkunu ġew preżentati quddiem il-Kamra;

"flejjes pubbliċi" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik ta' "fondi pubbliċi";

"fond" tfisser kull fond maħluq taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra fis-seħħ f'Malta;

"Fond Konsolidat" tfisser il-Fond Konsolidat stabbilit bl-artikolu 102 tal-Kostituzzjoni;

"Fond ta' Ħelsien tat-Teżor" tfisser il-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor stabbilit taħt dan l-Att;

"Fond ta' Kontinġenzi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 105 tal-Kostituzzjoni;

"fondi pubbliċi" tfisser kull dħul, dejn, fondi fiduċjarji u fondi oħra riċevuti, ġestiti jew miżmuma minn, għal jew f'isem il-Gvern, inkluż iżda mhux limitat għal aġenziji jew entitajiet sew jekk għandhom kif ukoll jekk m'għandhomx personalità legali, inkluż fondi li minnhom il-Gvern iħallas jew jiżborsa minn fondi riċevuti minn organizzazzjoni nazzjonali, internazzjonali jew supranazzjonali, jew entità, jew xi istituzzjoni jew entità tiegħu;

"impjegat pubbliku" tfisser uffiċjali pubbliċi u impjegati ta' aġenziji tal-Gvern u entitajiet pubbliċi, jew persuni oħra li jiġġestixxu fondi pubbliċi jew riżorsi hekk kif imfissra f'dan l-Att;

"investimenti" tfisser depożiti li jħallu mgħax, ishma, titoli, self u tagħrif ta' dejn bil-miktub f'kumpaniji jew f'xi entità korporattiva, jew xi oġġett realizzabbli ta' valur proprjetà tal-Gvern;

"irregolarità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji;

Kap. 461.

"kap" jew "kap ta' dipartiment" tfisser kap ta' dipartiment tal-Gvern maħtur skont il-Kostituzzjoni u jinkludi kull direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' entità, kemm jekk vestita minn personalità legali kemm le, li huwa responsabbli mill-amministrazzjoni, iż-żamma jew l-użu ta' flejjes pubbliċi, jew li tirċievi jew tibbenefika minn flejjes pubbliċi, jew li hija persuna li għandha l-poter ta' rappreżentanza

ta’ entità jew għandha l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f’isem dik l-entità jew li għandha l-awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan dik l-entità;

"Kont Pubbliku" tfisser il-Kont Pubbliku stabbilit permezz ta’ dan l-Att;

"kontroll finanzjarju pubbliku estern", bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att, tfisser il-funzjoni assenjata lill-Awditur Ġenerali u lid-Deputat Awditur Ġenerali taħt il-Kostituzzjoni u l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; Kap. 396.

"kontroll finanzjarju pubbliku intern" tfisser kontroll fuq attivitajiet li għandhom x’jaqsmu mal-finanzi ta’ ministeri, dipartimenti, taqsimiet jew entitajiet li jaqgħu taħt it-tifsira ta’ entitajiet pubbliċi hekk kif imfissra f’dan l-artikolu u għal kull persuna bil-funzjonijiet u responsabilitajiet fi ħdan jew f’isem dawn il-ministeri, dipartimenti, taqsimiet jew entitajiet għall-għan li jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att u ta’ kull regolament magħmul taħtu jew taħt xi liġi oħra, u li tiżgura l-prevenzjoni, is-sejba, u l-irkupru ta’ kull telf jew nuqqas finanzjarju pubbliku;

"Kostituzzjoni" tfisser il-Kostituzzjoni ta’ Malta;

"ksur" tfisser att ta’ kommissjoni jew ommissjoni minn xi persuna jew persuni li jiksru xi kundizzjoni stipulata f’kuntratt tal-Gvern jew f’liġi li tirregola xi kap fil-baġit annwali, jew xi dispożizzjoni rilevanti f’liġi Maltija jew f’att li r-rabta tiegħu toħroġ minn xi trattat jew ftehim internazzjonali li daħlet għalih Malta;

"kuntratt pubbliku" tfisser kuntratti magħmula bil-kitba għal interessi pekunjarji bejn operatur jew operaturi ekonomiċi u awtorità jew awtoritajiet kontraenti, u li għandhom bħala għan l-eżekuzzjoni ta’ xogħlijiet, il-provvista ta’ prodotti, jew il-provvista ta’ servizzi;

"Malta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"perjodu transitorju" tfisser il-perjodu mill-implimentazzjoni ta’ kontabilità msejsa fuq id-dovuti u sistemi ta’ kontabilità pertinenti fl-ewwel dipartiment sad-dħul fis-seħħ tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tal-artikolu 38(1);

"persuna" tfisser kull persuna naturali jew legali u tinkludi kull korp ta' persuni;

"regolamenti dwar ġestjoni finanzjarja" tinkludi t-tfassil ta' politika ta' kontabilità, standards u linji gwida għad-definizzjoni ta' metodoloġija ta' kontabilità u l-aħjar prattiċi ta' kontabilità li jservu bħala direttivi għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u li jistgħu jiġu pubblikati minn żmien għal żmien fil-Gazzetta;

"rendikonti finanzjarji" tfisser rekords formali tal-attivitajiet finanzjarji;

"segretarju permanenti" tfisser uffiċjal pubbliku maħtur biex jissorvelja dipartiment tal-Gvern skont l-artikolu 92 tal-Kostituzzjoni;

"sena finanzjarja" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"sistema ta' kontabilità" tfisser l-istandards, politika u sistema elettronika ta' *software* ta' kontabilità addottata jew awtorizzata mill-Ministeru responsabbli għall-finanzi;

"sistema sussidjarja ta' kontabilità" tfisser kull sistema manwali jew elettronika li tkun sussidjarja għas-sistema ta' kontabilità u li fiha jkun hemm reġistrati transazzjonijiet finanzjarji ta' kull xorta;

"titolu" tfisser strument ta' finanzjar jew investiment maħruġ minn kumpanija jew gvern li juri interess ta' proprjetà u li jipprovdi prova ta' dejn, dritt ta' sehem fid-dħul ta' min joħorġu, jew dritt fid-distribuzzjoni ta' xi proprjetà. Titli jinkludu *bonds* jew *stocks*, kambjali tat-teżor, *debentures*, *notes*, opzjonijiet, ishma, jew *warrants*, iżda mhux poloz ta' assikurazzjoni, u jistgħu jiġu nnegozzjati fi swieq finanzjarji bħal borża;

"uffiċjal pubbliku" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"uffiċjal ta' kontijiet" tfisser persuna li tkun tokkupa jew taġixxi fil-kariga ta' segretarju permanenti, Kap ta' dipartiment tal-Gvern jew Kontrollur Finanzjarju u tinkludi kull persuna li jkollha d-dmir li tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', jew li fil-fatt tiġbor, tirċievi jew tagħti kont ta', xi flejjes pubbliċi, jew li jkollha d-dmir li tħallas, jew li fil-fatt tħallas, xi flejjes pubbliċi,

u kull persuna li tkun inkarigata mid-dħul, kustodja jew tneħħija ta', jew mill-għoti ta' kont ta', ħażniet pubbliċi, jew li fil-fatt tirċievi, iżżomm jew tiddisponi minn ħażniet pubbliċi:

Iżda meta l-Ministru jagħti direttiva bil-miktub li d-dmirijiet, il-funzjonijiet u r-responsabiltajiet ta' uffiċjal ta' kontijiet għandhom ikunu vestiti esklussivament fil-persuna jew persuni ta' impjegati pubbliċi speċifikati, uffiċjal ta' kontijiet, dwar l-imsemmija dmirijiet, funzjonijiet u responsabbiltajiet u sal-limitu speċifikat f'dik l-istess direttiva, tfisser biss l-uffiċjal pubbliku jew l-uffiċjali pubbliċi speċifikament imsemmija;

"verifika interna", bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tfisser il-funzjoni stabbilita, imfissra u regolata mill-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji; Kap. 461.

"vot" tfisser kap separat tal-estimi jew taqsima prinċipali tal-approprjazzjoni mill-Kamra għas-servizz ta' sena finanzjarja.

TAQSIMA II
AMMINISTRAZZJONI TAL-ATT

Amministrazzjoni tal-Att.

3. (1) Il-Ministru għandu jkun inkarigat bl-amministrazzjoni ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u għal kull regolament magħmul taħtu, l-uffiċjali ta' kontijiet għandhom jimxu skont l-ordnijiet li, minn żmien għal żmien, jistgħu jiġu mogħtija mill-Ministru li jkollhom x'jaqsmu ma' flejjes pubbliċi u l-għoti ta' kontijiet tagħhom.

(3) Il-Ministru, jew xi impjegat pubbliku tal-Ministeru tiegħu awtorizzat minnu għal dan il-għan, għandu dritt li jispezzjona dawk l-uffiċċji u li jkollu dak l-aċċess għal kotba, dokumenti u notamenti oħra uffiċjali skont ma jkun meħtieġ sabiex il-Ministru jeżerċita s-setgħat tiegħu u jaqdi d-dmirijiet tiegħu skont dan l-Att.

Setgħat tal-Ministru biex isiru regolamenti.

4. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att sabiex iġib fis-seħħ it-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li jingħad qabel, dawn ir-regolamenti jistgħu jipprovdu:

(a) għall-ġbir, dħul, kustodja, ħruġ, nefqa, għoti ta' kont xieraq, kura u ġestjoni tal-flejjes pubbliċi kollha u għall-gwida tal-persuni kollha li jkollhom x'jaqsmu magħhom;

(b) għar-reġistrazzjoni, eżami, spezzjoni u sorveljanza aktar effettiva tad-dħul u nefqa kollha u ż-żamma tal-kotba u

kontijiet kollha meħtieġa;

(ċ) għall-kotba li għandhom jinżammu u għall-kontijiet li għandhom jiġu mogħtija għall-finijiet ta' dan l-Att u l-forma li fihom dawk il-kotba u kontijiet għandhom ikunu miżmuma u mogħtija;

(d) għall-akkwist, xiri, kustodja żgura, ħruġ, bejgħ jew tneħħija oħra jew tħassir mill-kotba ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi, ħażniet pubbliċi u proprjetà oħra tal-Gvern, u għall-għoti ta' kont xieraq, u *stock-taking* ta', dawk ix-xogħlijiet, provvisti jew servizzi, ħażniet u proprjetà;

(e) għall-kofinanzjament minn flejjes pubbliċi ta' programmi u inizjattivi ta' żvilupp ekonomiku u soċjali;

(f) sabiex isiru aġġustamenti u tpaċijiet f'kontijiet u ħlasijiet minn kontijiet dwar dak li għandu x'jaqsam ma' flejjes pubbliċi;

(g) għall-preparazzjoni, kodifikazzjoni u pubblikazzjoni ta' dawk l-istandards u metodoloġiji tal-ikkontjar u ta' dawk il-*policies* u proċeduri li minn żmien għall-ieħor jistgħu jitqiesu meħtieġa jew espedjenti għall-amministrazzjoni u twettiq fis-seħħ aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(h) għall-użu ta' *internet banking*, karti ta' kreditu u debitu, u faċilitajiet oħra bankarji u servizzi għal ġestjoni aħjar ta' flejjes pubbliċi;

(i) għar-regolamentazzjoni ta' kull forma ta' transazzjoni li tista' ssir minn żmien għal żmien;

(j) għall-għoti u l-irċevuta ta' donazzjonijiet u *sponsorships*;

(k) għal dak kollu meħtieġ li jkun provdut taħt dan l-Att; u

(l) għal kull ħaġa oħra inċidentali jew supplimentari għal xi waħda mill-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

TAQSIMA III
FUNZJONIJIET U RESPONSABILITAJIET

L-*Accountant General*.

5. (1) L-*Accountant General* għandu jkun responsabbli mit-twaqqif ta' standards dwar ġestjoni finanzjarja xierqa, rapportaġġ u operazzjonijiet ta' kontabilità fil-ministeri u dipartimenti.

(2) Il-Ministru għandu jagħti struzzjonijiet lill-*Accountant General* biex iwaqqaf flejjes milli jiġu utilizzati minn xi ministeru, dipartiment jew entità pubblika, jekk dak il-ministeru, dipartiment jew entità pubblika ma jikkonformax mar-regolamenti dwar ġestjoni finanzjarja, politika, ċirkolari, linji gwida u dispożizzjonijiet oħra tal-liġi fis-seħħ minn żmien għal żmien.

Ġestjoni finanzjarja.

6. Is-Segretarju Permanenti, jew il-persuna li għandha anzjanità xierqa kif debitament delegata mis-Segretarju Permanenti, għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ, u sabiex jiffaċilita l-ġestjoni finanzjarja u l-implimentazzjoni tal-kontroll tal-entitajiet pubbliċi li jaqgħu taħt dak il-ministeru:

Iżda l-monitoraġġ, l-iffaċilitar tal-implimentazzjoni ta' kontroll u l-ġestjoni finanzjarja ta' awtorità, bord, fondazzjoni, korporazzjoni, istituzzjoni, aġenzija, kummissjoni, kumpanija jew kull entità oħra tal-Gvern jew li għandu l-kontroll effettiv tagħha jew illi d-dħul tagħha ġej minn flejjes pubbliċi jew minn flejjes li tirċievi permezz ta' xi liġi, għandhom ikunu vestiti fil-kap tal-entità.

Dmirijiet tal-uffiċjali ta' kontijiet.

7. (1) Kull uffiċjal ta' kontijiet għandu jkun soġġett għal, u jassigura li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament, politika, ċirkulari, linji gwida, struzzjonijiet u dispożizzjonijiet oħra relatati mad-dmirijiet tal-uffiċċju tiegħu.

(2) Kull uffiċjal ta' kontijiet għandu jkun vestit bir-responsabbiltà ta' operazzjonijiet ta' kontabilità u għandu jaqdi dawk id-dmirijiet, iżomm dawk il-kotba u jagħti dawk il-kontijiet li jistgħu jkunu provduti minn jew skont dan l-Att jew minn struzzjonijiet maħruġa mill-Ministru.

Ġestjoni finanzjarja ħażina.

8. (1) Impjegat pubbliku għandu jitqies li kkommetta att ta' ġestjoni finanzjarja ħażina jekk dak l-uffiċjal xjentement jew b'negliġenza jonqos milli jwettaq id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet mogħtija lilu taħt jew b'dan l-Att.

(2) Atti ta' ġestjoni finanzjarja ħażina volontarja jew negliġenti jinkludu:

(a) nuqqas ta' konformità mar-regolamenti dwar ġestjoni finanzjarja;

(b) aġir diżonest, b'nuqqas ta' fedeltà u integrità fil-ġestjoni tal-affarijiet finanzjarji tal-entitajiet pubbliċi kkonċernati;

(ċ) l-użu tal-pożizzjoni jew privileġġi, jew informazzjoni kunfidenzjali miksuba permezz ta' dik il-pożizzjoni, għall-

gwadann personali jew għall-benefiċċju mhux xieraq ta' persuna oħra;

(d) in-nuqqas ta' azzjoni immedjata kontra kull persuna li taqa' taħt is-superviżjoni immedjata tiegħu li tikkommetti att li jikser ir-regolamenti dwar ġestjoni finanzjarja, u l-proċedura ta' kontroll intern stabbilit mill-entità pubblika kkonċernata.

(3) Il-proċeduri dixxiplinarji għal ġestjoni finanzjarja ħażina għandhom jiġu regolati mir-Regolament tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew dawk ir-regoli u proċeduri dixxiplinarji li jistgħu jkunu applikabbli. L.S. Kost.03.

TAQSIMA IV
ESTIMI U APPROPRJAZZJONI

Att ta' Approprjazzjoni.

9. Kull Att li japproprja flejjes mill-Fond Konsolidat m'għandux jinftiehem bħala li jawtorizza n-nefqa ta' dawn il-flejjes f'xi sena finanzjarja li ma tkunx is-sena finanzjarja li għaliha espressament qed issir referenza, u kull flejjes hekk approprjati li jistgħu jibqgħu mhux minfuqa fit-tmiem ta' xi sena finanzjarja ma jibqgħux jitqiesu bħala obbligu fuq il-Fond Konsolidat għal dik is-sena.

Awtorizzazzjoni ta' nefqa qabel approprjazzjoni.

10. (1) Jekk l-Att ta' Approprjazzjoni ma jkunx ġie fis-seħħ fil-bidu ta' xi sena finanzjarja, il-Ministru jista' jawtorizza l-ħruġ ta' flejjes mill-Fond Konsolidat sabiex tiġi milqugħa dik in-nefqa kapitali u rikorrenti li jidhirlu meħtieġa sabiex jitmexxa l-Gvern ta' Malta:

Iżda flejjes hekk awtorizzati biex jinħarġu bħala spejjeż ma għandhomx jeċċedu terz tal-ammont ivvotat għal dik l-ispiża fl-Att ta' Approprjazzjoni għas-sena finanzjarja ta' qabel:

Iżda wkoll li flejjes li għandhom ikunu maħruġa għal spejjeż kapitali għandhom ikunu awtorizzati biss għal kuntratti li ġew maqbula fis-snin finanzjarji preċedenti.

(2) Kull flejjes awtorizzati li jinħarġu kif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhomx jeċċedu s-somma speċifikata għal dik l-ispiża fl-estimi preżentati għas-sena finanzjarja kurrenti u għandhom jiġu kompensati mal-ammonti rispettivament provduti fl-Att ta' Approprjazzjoni meta jidħol fis-seħħ.

(3) Is-setgħat mogħtija lill-Ministru b'dan l-artikolu ma jestendux ruħhom għall-perjodu aktar mill-ewwel erba' (4) xhur ta' xi sena finanzjarja jew aktar mill-ġurnata li fiha l-Att ta' Approprjazzjoni għal dik is-sena jibda jseħħ, liema jkun l-ewwel.

Virement ta' tfaddil taħt l-istess vot.

11. (1) Jekk l-esiġenzi tas-servizz pubbliku jkunu dak li jkun meħtieġ li jinbidlu l-proporzjonijiet mogħtija lis-sottokapi taħt kap ta' nefqa li jkun hemm fl-estimi, il-Ministru jista' b'minuta jawtorizza t-trasferiment ta' somma oħra minn xi *surplus* li jkun hemm f'xi sottokap ieħor tal-istess kap bl-għajnuna ta' xi sottokap li jista' jkun nieqes.

(2) Il-Ministru jista' fid-diskrezzjoni tiegħu u bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li jista' jidhirlu xierqa jiddelega s-setgħa mogħtija lilu skont is-subartikolu (1):

Iżda kull meta tingħata delega ta' din ix-xorta, l-impjegat hekk delegat għandu jissottometti lill-Ministru fit-tmiem ta' kull tliet (3) xhur prospett li juri l-partikolaritajiet ta' kull darba li huwa jkun eżerċita s-setgħat hekk delegati.

Dispożizzjoni supplimentarja.

12. Jekk jinstab illi l-ammont approprjat għal xi sena finanzjarja bl-Att ta' Approprjazzjoni, għal xi skop, ma jkunx biżżejjed jew tkun qamet ħtieġa għal nefqa għal skop li għalih ebda ammont ma jkun ġie approprjat bl-Att, jew illi għal skop xi flejjes ikunu ġew minfuqa b'eċċess tal-ammont approprjat għal dak l-iskop bl-Att ta' Approprjazzjoni, jew għal skop li għalih ebda ammont ma jkun ġie approprjat bl-Att, estimi supplimentari li juru s-somom meħtieġa jew minfuqa għandhom jitressqu quddiem il-Kamra u l-Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni għandu jkollu dik in-nefqa taħt kapi xierqa:

Iżda l-Ministru jista' għal dawk l-għanijiet minn żmien għal żmien jawtorizza l-ħruġ ta' dawk l-ammonti mill-Fond Konsolidat skont ma jista' jitqies li jkun meħtieġ għal dak l-għan mingħajr il-ħtieġa ta' ebda approprjazzjoni oħra minbarra dan l-Att, liema ammonti għandhom jiġu inklużi fir-rapporti sottomessi fil-Kamra skont l-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

Kap. 534.

Il-Fond ta' Kontinġenzi.

13. (1) Għandu jiġi mwaqqaf fond li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Kontinġenzi" b'valur kapitali awtorizzat ta' ħames miljun euro (€5,000,000) li l-ammont tiegħu għandu jkun ipprovdut fi żmien li ma jkunx ta' aktar minn ħames (5) snin mill-approprjazzjonijiet magħmula minn żmien għal żmien mill-Fond Konsolidat.

(2) Fil-każ li fir-rigward ta' xi sena finanzjarja jiġi ddeterminat li tkun qamet ħtieġa urġenti u mhux mistennija għal nefqa li għaliha ma jkun hemm ebda provvediment ieħor, il-Ministru, permezz ta' *warrant*, jista' jawtorizza avvanzi mill-Fond ta' Kontinġenzi biex tiġi milqugħa dik il-ħtieġa:

Iżda meta jsiru dawn l-avvanzi, il-Ministru għandu jitlob l-approvazzjoni tal-Kamra permezz ta' Estimi Supplimentari skont dan l-Att li juru l-flejjes meħtieġa jew li ntnefqu u t-trasferiment għal dan

il-għan mill-Fond Konsolidat lejn il-Fond ta' Kontinġenzi.

(3) Il-Fond ta' Kontinġenzi għandu jitmexxa skont ir-regoli murija fl-Iskeda. Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda jistgħu jiġu emendati b'regoli oħra li jiġu magħmula mill-Ministru, li għandhom ikunu pubblikati fil-Gazzetta u li għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra fl-ewwel laqgħa minn meta jiġu emendati r-regoli.

TAQSIMA V
ĠBIR U ĦLASIJIET TA' FLEJJES U ARRANĠAMENTI BANKARJI

Awtorità għall-ħruġ ta' flejjes.

14. L-ebda flejjes ma għandhom jinħarġu mill-Fond Konsolidat, ħlief kif provdut fil-Kostituzzjoni jew minn fondi jew kontijiet oħra ħlief għall-iskop ta' dawk il-fondi jew kontijiet, u skont dik l-awtorità li tista' tkun applikabbli għat-twaqqif tagħhom.

Il-ħlasijiet kollha għandhom isiru mill-*Accountant General*.

15. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu, il-ħlasijiet kollha ta' flejjes pubbliċi għandhom isiru mill-*Accountant General* b'dak il-mod li jista' jkun provdut mill-Ministru b'regolamenti magħmula skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-*Accountant General* ma għandu jagħmel ebda ħlasijiet, minkejja li l-għanijiet li jirriferixxu għalihom jista' jkun hemm provdut għalihom kif imiss fl-Att ta' Approprjazzjoni kemm-il darba ma jkunx awtorizzat li jagħmel hekk b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru u mibgħut lilu.

(3) Dak il-*warrant* għandu jiġi ffirmat fi tliet (3) kopji mill-Ministru. Kopja waħda tal-*warrant* għandha tiġi merfugħa fl-uffiċċju tal-Ministru, oħra fl-uffiċċju tal-*Accountant General* u oħra fl-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

(4) Ebda *warrant* taħt dan l-artikolu ma għandu jibqa' fis-seħħ ħlief matul is-sena finanzjarja li għaliha jkun inħareġ.

Ħlas ta' kontijiet minn uffiċjali ta' kontijiet.

16. Uffiċjal ta' kontijiet għandu jħallas kont wara li jiżgura illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu li għandu x'jaqsam mal-ħlas ta' kontijiet, ikunu ġew imħarsa u illi l-ħlas tal-kont ikun skont awtorità xierqa.

Flus akkont.

17. Kemm-il darba jkun neċessarju għal uffiċjal ta' kontijiet li jkollu flejjes għall-ħlas li għalihom *vouchers* ma jistgħux jiġu preżentati direttament lill-*Accountant General* għal ħlas, flus akkont jistgħu jinħarġu għall-ammont li jista' jawtorizza l-Ministru.

Fond ta' Ħelsien tat-Teżor.

18. Għandu jkun hemm stabbilit fond, li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor", biex jipprovdi għad-dħul ta' flejjes li jistgħu jkunu mħallsa lura mill-Gvern u għall-iskop li tiġi milqugħa kull spiża oħra li għandha tiġi temporanjament maħruġa minn flejjes pubbliċi u li titħallas lura gradatament jew le f'dan il-fond mill-Fond Konsolidat jew minn għejjun oħra.

Kont ta' Depożitu barra mill-Baġit.

19. L-ebda Kont ta' Depożitu barra mill-Baġit ma għandu jinfetaħ fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor ħlief bl-approvazzjoni bil-quddiem tas-Segretarju Permanenti responsabbli għall-finanzi jew impjegat pubbliku delegat minnu, u dak il-Kont għandu jkun suġġett għall-kundizzjonijiet imposti fl-approvazzjoni. L-uffiċjal ta' kontijiet responsabbli mit-tħaddim tal-Kont ta' Depożitu barra mill-Baġit għandu jassigura li l-Kont jiġi utilizzat biss għall-għan li għalih ġie awtorizzat oriġinarjament u jrid jingħalaq minnufih malli ma jibqax aktar meħtieġ.

Akkumulazzjoni ta' mgħax u varjazzjoni f'impieg ta' flejjes.

20. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, imgħax u dħul ieħor li jinġabar fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor għandu jiġi akkreditat favur il-Fond Konsolidat u kull apprezzament jew deprezzament fil-valur ta' xi investimenti ta' flejjes tal-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor għandu, flimkien ma' kull profitt jew telf li jinħoloq mill-bejgħ jew fidwa ta' titoli jew ishma, jiġi akkreditat jew addebitat skont il-każ lill-Fond Konsolidat:

Iżda fil-każ ta' depożiti akkont ta' fondazzjonijiet jew *trusts*, il-Monte di Pietà jew tal-Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu, dak l-imgħax u dħul ieħor, apprezzament jew deprezzament fil-valur ta' investimenti ta' flejjes u l-profitti jew self fil-bejgħ jew fidwa ta' titoli għandhom jiġu akkreditati jew addebitati skont il-każ lill-kont xieraq.

Ħlasijiet mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor.

21. Il-Ministru jista' bla ebda approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att jara li l-*Accountant General* jagħmel ħlasijiet mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor b'*warrant* taħt il-firma tal-Ministru, li fil-każ tal-ħlasijiet kollha ta' flejjes li għandhom jitħallsu lura fil-fond, għandu jispeċifika l-mod u l-pattijiet ta' dak il-ħlas lura.

Setgħa għal trasferiment temporanju minn kont għal ieħor.

22. L-*Accountant General* jista', minn żmien għal żmien, jittrasferixxi kull bilanċ tal-kont pubbliku, jew xi parti minnu, minn fond jew kont għal fond jew kont ieħor fil-kont pubbliku għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet li l-Ministru jista' jawtorizza.

Arranġament ma' bank.

23. (1) Il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti ma' xi bank jew banek b'dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu xierqa għad-dħul, kustodja u ħlas ta' flejjes pubbliċi u t-trasmissjoni tagħhom lejn u minn Malta, u għal kull avvanzi li jistgħu jsiru bl-awtorità ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, għal drittijiet dwarhom, u għall-imgħax li għandu jitħallas minn jew lill-bank jew banek fuq bilanċi jew avvanz

rispettivament u b'mod ġenerali għat-tmexxija tan-negozju bankarju tal-Gvern.

(2) L-ebda uffiċjal ta' kontijiet ma jista' jiftaħ kont pubbliku jew uffiċjali f'xi bank ħlief kif awtorizzat b'dan l-Att jew b'xi regolamenti magħmula taħtu, mingħajr l-awtorità bil-miktub tal-Ministru, u l-Gvern ma jkunx miżmum responsabbli għal xi *overdraft* f'xi kont bħal dak jekk ma jkunx awtorizzat mill-Ministru.

(3) L-awtorità tal-Ministru tista' tiġi delegata lil uffiċjal ta' kontijiet, sakemm ma jokkupax pożizzjoni inferjuri għal dik ta' Direttur Ġenerali, biex jiftaħ xi kont pubbliku jew uffiċjali f'xi bank skont subartikolu (2).

(4) Kontijiet bankarji għandhom jiġu ġestiti u rrikonċiljati skont il-proċeduri speċifikati fir-regolamenti dwar ġestjoni finanzjarja tal-Gvern magħmula taħt dan l-Att.

Il-Kont Pubbliku.

24. Il-flejjes pubbliċi kollha għandhom jinżammu f'kont li għandu jkun magħruf bħala "il-Kont Pubbliku" li fih għandhom jiżdiedu u jitħallsu l-flejjes kollha li jifformaw il-Fond Konsolidat, il-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor u l-Fond ta' Kontinġenzi u kwalunkwe flejjes oħra, minbarra:

(a) meta awtorizzat speċifikament mill-Ministru biex jinżammu f'kont separat; jew

(b) meta provdut xort'oħra mill-Att li jagħti l-poteri lill-entità pubblika li tamministra fondi pubbliċi.

Il-flejjes kollha fil-bank ikunu flejjes pubbliċi.

25. Il-flejjes kollha mqiegħda fil-bank affavur tal-kontijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandhom jitqiesu li jkunu flejjes pubbliċi u ma jistgħux jitneħħew mill-bank ħlief kif provdut b'dan l-Att.

Depożiti.

26. Il-flejjes imdaħħla minn jew f'isem il-Gvern bħala akkont ta' dazji jew depożiti fil-Qorti skont xi liġi jew xi awtorità, il-flejjes imdaħħla bi *trust* u l-flejjes kollha mdaħħla mingħand xi persuna jew awtorità waqt li tkun pendenti t-tlestija ta' xi xogħol jew servizz jew deċiżjoni dwar pretensjoni għandhom jitqiesu li jkunu flejjes pubbliċi skont it-tifsira u għall-finijiet ta' dan l-Att u għandhom jiġu trasferiti lura fil-Kont Pubbliku, u kreditati lill-kont ta' depożitu appożitu fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor:

Iżda l-ebda flejjes, jew parti minnhom, li jistgħu jiġu mħallsa lura lill-Gvern ma għandhom jgħaddu fil-Fond Konsolidat.

Depożiti mhux reklamati.

27. Fejn iżda xi ammont li ġie depożitat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 ma jkunx reklamat għal żmien ta' tletin (30) sena mid-data li fiha ġie depożitat, huwa għandu, sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, jiġi trasferit fil-Fond Konsolidat:

Iżda l-Ministru jista', mingħajr ebda approprjazzjoni oħra ħlief dik skont dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* biex iħallas mill-Fond Konsolidat fi kwalunkwe ħin lil xi persuna li tistabbilixxi talba għal dan il-għan.

Tqegħid tal-flejjes kollha fil-bank.

28. L-*Accountant General* għandu, minn ġurnata għal oħra, jara li jitqiegħdu fil-bank affavur ta' kont xieraq, il-flejjes kollha pubbliċi miġbura jew imdaħħla t-Teżor.

Il-flejjes pubbliċi miġbura jitqiegħdu fil-bank.

29. Kull uffiċjal ta' kontijiet li jiġbor jew jirċievi flejjes pubbliċi għandu jqiegħed fil-bank affavur tal-kont xieraq, l-ammont gross tal-ġbir f'dawk il-ġranet u b'dak il-mod u forma kif l-*Accountant General* jista' jordna:

Iżda, meta l-Ministru hekk jordna, l-uffiċjali ta' kontijiet jistgħu jnaqqsu mill-ammont gross tal-ġbir tagħhom dawk is-somom li jistgħu jkunu meħtieġa biex ikunu jistgħu jagħmlu ħlasijiet lura, rimborsi jew rifużjonijiet.

Self ta' flus.

30. Ħlief kif jista' jkun provdut speċifikament b'xi liġi u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-ebda flejjes ma għandhom jiġu mislufa mill- jew lill-Gvern minn l-ebda bank jew persuna u kull impenn għar-radd ta' kwalukwe dejn għandu jkun assolutament null u bla effett:

Iżda l-Ministru jista' jawtorizza *overdraft* varjabbli fuq il-Kont Pubbliku jekk u meta jkun meħtieġ, u f'dan il-każ:

(a) ir-rimbors ta' kull *overdraft* għandu jsir qabel l-għeluq tas-sena finanzjarja li fiha l-*overdraft* ikun infetaħ; u

(b) għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dikjarazzjoni tal-qagħda ta' dak l-*overdraft* fl-aħħar jum ta' kull tliet (3) xhur, kemm jista' jkun malajr wara dik id-data.

Arranġamenti dwar flejjes barra minn Malta.

31. Minkejja kull ħaġa f'dan l-Att, il-Ministru jista' jagħmel arranġamenti b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrulu meħtieġa għall-ġbir, dħul, kustodja, depożitu f'banek, ħruġ, spiża, nefqa, avvanzi, pagamenti, għoti ta' kont xieraq, kura u ġestjoni barra minn Malta ta' kull flejjes pubbliċi u għaż-żamma ta' kontijiet, u għoti ta' prospetti, rendikontijiet u *vouchers* li jirriferixxu għal dak il-ġbir, dħul, kustodja, depożitu, ħruġ, nefqa, avvanzi u għall-eżami ta' dawk il-

kontijiet, prospetti, rendikontijiet u *vouchers*:

Iżda d-dokumentazzjoni ta' kull transazzjoni għandha tinżamm skont id-direzzjoni mogħtija mill-*Accountant General*.

TAQSIMA VI
KONTIJIET U RAPPURTAR

Sistema ta' kontabilità tal-Gvern u sistema sussidjarja ta' kontabilità.

32. (1) L-*Accountant General* għandu jiżgura li tkun stabbilita sistema ta' kontabilità, inkluż sistemi sussidjarji ta' kontabilità, mal-entitajiet kollha pubbliċi.

Il-kotba ta' kontabilità tal-uffiċjali ta' kontabilità.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi regolamenti magħmula taħt dan l-Att, kull uffiċjal ta' kontijiet li jiġbor, jirċievi jew iħallas flejjes pubbliċi għandu jżomm dawk il-kotba u kontijiet fil-manjiera u forma stabbilita mill-*Accountant General*.

Aċċess tal-*Accountant General* għal dokumenti finanzjarji uffiċjali.

33. L-*Accountant General* jista' jispezzjona u jagħmel kopji ta' kwalunkwe kotba u rekords uffiċjali u dokumenti jew kopji tagħhom, u jesiġi kopji f'format elettroniku tad-dokumenti uffiċjali li jridu jiġu sottomessi.

Titolu 1 – Kontabilità msejsa fuq il-kontanti

Rendikont tal-kont finanzjarju konsolidat ta' kull tliet xhur sabiex jiġi pubblikat fuq il-Gazzetta.

34. L-*Accountant General* għandu fl-iqsar żmien konvenjenti jipprepara rendikont finanzjarju msejjes fuq il-kontanti tal-Fond Konsolidat għal kull tliet (3) xhur ikkumparat mat-tliet (3) xhur korrispondenti tas-sena ta' qabel u jissottometti r-rapport lill-Ministru għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

Rendikonti Annwali.

35. (1) L-*Accountant General* għandu, mill-aktar fis possibbli wara t-tmiem ta' kull sena finanzjarja, u mhux aktar minn tliet (3) xhur mit-tmiem ta' dik is-sena, ilesti u jibgħat lill-Awditur Ġenerali:

(a) rendikont finanzjarju tal-Fond Konsolidat imsejjes fuq il-kontanti, imqabbel ma' dak tas-sena finanzjarja preċedenti;

(b) rendikont ta' dħul u ħruġ ta' kull fond jew kont maħluq minn din il-liġi jew xi liġi oħra.

(2) Malli l-Awditur Ġenerali jrodd lura r-rendikonti lill-*Accountant General*, il-Ministru għandu jordna li r-rendikonti jiġu ppubblikati fil-Gazzetta u jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta jiġu ppubblikati:

Iżda fil-kalkolu ta' dak il-perjodu ma għandu jittieħed ebda kont ta' xi żmien li matulu l-Kamra tkun xolta jew prorogata, jew li

matulu tkun aġġornata għal iżjed minn għaxart (10) ijiem.

Tħejjija tal-kontijiet finanzjarji annwali.

36. L-*Accountant General* għandu fl-inqas żmien mit-tmiem ta' kull sena finanzjarja u f'kull każ sa mhux aktar minn sitt (6) xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja, iħejji u jibgħat lill-Awditur Ġenerali r-rendikontijiet u l-kontijiet segwenti:

(a) estratt tal-irċevuti u pagamenti tal-Kont Pubbliku kkomparat mal-irċevuti u pagamenti tas-sena finanzjarja preċedenti;

(b) estratt tal-Fond Konsolidat imsejjes fuq il-kontanti kkomparat ma' dak tas-sena finanzjarja preċedenti;

(ċ) rendikont dettaljat tad-dħul imsejjes fuq il-kontanti, hekk kif imqabbel mal-estimi fejn jiġu murija l-varjazzjonijiet fuq kull oġġett;

(d) rendikont dettaljat tal-ħruġ imsejjes fuq il-kontanti li juri somom approprjati taħt kull kap distribwiti skont is-sottokapi kif spjegati fl-estimi, in-nefqa matul is-sena finanzjarja u l-ammont żejjed li ntnefaq jew li ma ntnefaqx;

(e) dikjarazzjoni tal-irċevuti u pagamenti fuq self magħmul mill-Gvern;

(f) rendikont tad-dejn pubbliku u l-ispiża annwali fuqu, li juri wkoll l-ammont li ġie mħallas lura matul is-sena finanzjarja;

(ġ) rendikont tal-irċevuti u n-nefqa ta' fondi fiduċjarji jew ta' xi kont jew fond ieħor tal-Gvern;

(h) rendikont tal-investimenti kollha miżmuma mill-Gvern sat-tmiem tas-sena finanzjarja u f'isem kull fond jew kont bil-prezz tal-għeluq tas-suq hekk kif pubblikat fil-borża li fuqha it-titolu huwa rreġistrat fl-aħħar jum ta' negozju tas-sena finanzjarja jew il-prezz medju fis-suq tat-titolu ppubblikat minn ġeneratur tas-suq rikonoxxut, skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti. Il-valur assenjat lil kull titolu fil-kontijiet għandu jkun aġġustat biex jikkorrispondi ma' dak il-prezz;

(i) rendikont ta' assi u obbligazzjonijiet tal-Gvern fi tmiem is-sena finanzjarja;

(j) rendikont tal-bilanċi (eskluż fondi speċjali) fi tmiem is-sena finanzjarja;

(k) rendikont ta' fondi speċjali ddepożitati t-Teżor;

(l) rendikont dettaljat ta' avvanzi mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor;

(m) sommarju tabulari ta' ħażniet mhux allokati ffinanzjati mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor;

(n) rendikont ta' talbiet abbandunati, ta' telf ta' kontanti u ta' ħażniet imħassra mill-kotba.

Rapport annwali fuq kontijiet u finanzi.

37. L-*Accountant General* għandu, fl-iqsar żmien mill-għeluq tal-kontijiet ta' kull sena finanzjarja u f'kull każ mhux aktar minn sitt (6) xhur mit-tmiem ta' dik is-sena, jissottometti lill-Ministru rapport fuq kontijiet bażati fuq il-kontanti u finanzi tal-Gvern għall-pubblikazzjoni.

Titolu 2 – Kontabilità msejsa fuq id-dovuti

Adozzjoni tal-istandards ta' kontabilità msejsa fuq id-dovuti.

38. (1) Minn meta jiġi stabbilit mill-Ministru permezz ta' regolament, kull ministeru u dipartiment għandu jaddotta l-istandards tal-kontijiet msejsa fuq id-dovuti fil-kontabilità u rappurtar finanzjarju tagħhom, li jimplimenta l-Istandards Internazzjonali ta' Kontijiet tas-Settur Pubbliku (IPSASs) kif addottati mill-Gvern, u jippubblikaw ir-rendikonti finanzjarji.

(2) L-*Accountant General* għandu jkun responsabbli mill-pubblikazzjoni ta' dawn l-istandards ta' kontabilità u jassigura konformità bejn il-ministeri u d-dipartimenti, skont ma jkun mitlub minn żmien għal żmien.

Rendikont konsolidat ta' kull tliet xhur imsejjes fuq id-dovuti.

39. (1) Kull ministeru għandu jipprepara fil-forma provduta mill-*Accountant General* rendikonti msejsa fuq id-dovuti ta' kull tliet (3) xhur li jikkonsolidaw il-prestazzjoni finanzjarja tal-minsteru rispettiv u d-dipartimenti tiegħu, fuq livell ta' ministeru, għal kull wieħed mill-ewwel tliet (3) perjodi ta' tliet (3) xhur ta' kull sena fiskali.

(2) L-*Accountant General* għandu jipprepara rendikonti msejsa fuq id-dovuti kull (3) tliet xhur, li jikkonsolidaw il-prestazzjoni finanzjarja ta' kull ministeru u għandu jissottometti dawn ir-rendikontijiet lill-Ministru għall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta.

(3) Il-Ministru għandu b'regolamenti jistabbilixxi l-perjodu li fih għandhom ikunu ppreżentati dawn il-kontijiet u rendikonti.

Rendikonti ministerjali annwali finanzjarji konsolidati awditjati msejsa fuq id-dovuti.

40. Kull ministeru għandu jipprepara jew jara li jiġu ppreparati, fil-forma u l-mod kif provdut mill-*Accountant General*, ir-rendikonti finanzjarji annwali konsolidati msejsa fuq id-dovuti, li jikkonsolidaw il-prestazzjoni finanzjarja u l-pożizzjoni finanzjarja tal-ministeru rispettiv u d-dipartimenti tiegħu, fuq livell ministerjali, u għandu jissottometti r-rendikonti lill-*Accountant General* sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) mit-tmiem tas-sena finanzjarja, sabiex wara jgħaddu għand l-Awditur Ġenerali.

Pubblikazzjoni tar-rendikonti finanzjarji konsolidati awditjati msejsa fuq id-dovuti.

41. (1) L-*Accountant General* għandu, fl-inqas żmien possibbli mit-tmiem tas-sena finanzjarja u mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mit-tmiem tal-istess sena, iħejji u jgħaddi lill-Awditur Ġenerali r-rendikonti finanzjarji annwali konsolidati msejsa fuq id-dovuti, li jikkonsolidaw il-prestazzjoni finanzjarja u l-pożizzjoni finanzjarja, ta' kull ministeru.

Kap. 396.

(2) L-Awditur Ġenerali għandu jivverifika dawn ir-rendikonti finanzjarji annwali konsolidati msejsa fuq id-dovuti, skont l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

(3) Hekk kif jirċievi d-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali konsolidati imsejsa fuq id-dovuti mill-Awditur Ġenerali, il-Ministru għandu, sa mhux aktar tard minn disa' (9) xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja, jippublika dawn id-dikjarazzjonijiet fil-Gazzetta u jippreżenta kopja fuq il-Mejda tal-Kamra fi żmien għaxart (10) ijiem mill-pubblikazzjoni:

Iżda fil-kalkolu ta' dak il-perjodu ma għandu jittieħed ebda kont ta' xi żmien li matulu l-Kamra tkun xolta jew prorogata, jew li matulu tkun aġġornata għal aktar minn għaxart (10) ijiem.

Titolu 3 – Perjodu Transitorju

Rappurtar matul il-perjodu transitorju.

42. Matul il-perjodu transitorju għal bidla minn kontabilità msejsa fuq il-kontanti għal kontabilità msejsa fuq id-dovuti, ir-reġim ta' rappurtaġġ provdut fl-artikoli 34 sa 37 għandu jipprevali.

Istruzzjonijiet maħruġa mill-*Accountant General* matul il-perjodu transitorju.

43. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 38, l-*Accountant General* jista', minn żmien għal żmien f'dan il-perjodu, jagħti struzzjonijiet fuq operazzjonijiet ta' kontabilità u rappurtaġġ li għandhom jiġu segwiti matul il-bidla minn kontabilità msejsa fuq il-kontanti għal kontabilità msejsa fuq id-dovuti.

TAQSIMA VII
KONTROLL FINANZJARJU

Kontroll finanzjarju.

44. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi, il-kontroll finanzjarju ta' fondi pubbliċi għandu jiġi ġestit u eżerċitat kif previst skont jew taħt dan l-Att.

Miżuri kontra ksur.

45. (1) Pagamenti jew benefiċċji jistgħu jinżammu mill-*Accountant General* meta l-*Accountant General* ikun infurmat, jew ikollu raġuni li jqis b'ċertezza, li seħħ xi ksur.

(2) Id-Direttur tal-Kuntratti huwa awtorizzat li jitlob li pagamenti jew benefiċċji jinżammu meta jkun hemm raġuni għalfejn jiġi kkunsidrat li sar xi ksur.

(3) Kull *bond*, garanzija jew titolu ieħor mogħti minn kull persuna taħt obbligu kontrattwali jew legali, li l-eżekuzzjoni jew rilaxx tagħhom ġie mwaqqaf jew mhedded minn xi ksur, jista' jiġi miżmum meta l-*Accountant General* jew il-Kap tal-Awtorità Kontraenti jkunu infurmati, jew jafu b'raġuni li twassal għaċ-ċertezza, li sar xi ksur.

(4) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra f'xi liġi jew kuntratt ieħor, l-*Accountant General*, għandu jipproċedi bl-irkupru ta' flejjes li tħallsu jew saru jew baqgħu dovuti lil xi persuna b'riżultat ta' xi ksur.

(5) Għall-fini tal-irkupru ta' telf jew nuqqas, kull persuna hekk kif imsemmija f'dan l-artikolu tista' tiġbed kull *bond*, garanzija bankarja jew titolu ieħor mogħti minn kull persuna taħt obbligu kontrattwali jew legali li l-eżekuzzjoni jew rilaxx tagħhom ġie mwaqqaf jew mhedded minn xi ksur.

(6) Għall-fini tal-irkupru ta' telf jew nuqqas, l-*Accountant General* jista' jipproċedi kontra kull persuna li ma aġixxietx in *bona fede*, li, għalkemm kellha d-dmir li tagħmel dan, tkun naqset milli tieħu prekawzjonijiet raġonevoli u milli teżerċita diliġenza kif dovuta biex tipprevjeni dik l-irregolarità.

Ksur intenzjonali.

46. Kemm-il darba ma jkunx speċifikament provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, meta persuna kif imsemmija fl-artikolu 45 għandha raġuni biex temmen li ġie kommess xi ksur bl-intenzjoni li jittieħed vantaġġ, jew biex isir qligħ illegali jew mhux xieraq, l-*Accountant General* għandu, minbarra l-miżuri provduti fl-artikolu 45, jimponi multa amministrattiva li tkun ekwivalenti għas-somma jew ammont li sar jew baqa' dovut minn, jew li tħallas lil, kull persuna li kkommettiet dak il-ksur.

Rapport maħruġ mis-Segretarju Permanenti.

47. (1) Kemm-il darba ma jkunx speċifikament provdut xort'oħra f'xi liġi oħra, is-Segretarju Permanenti għandu, malli jikseb jew ikollu konjizzjoni li sar xi ksur, minnufih jinforma lil kwalukwe persuna msemmija fl-artikolu 45, u għandu jagħmel l-investigazzjoni neċessarja u jħejji rapport li jindika:

(a) il-ksur imwettaq;

(b) it-telf jew nuqqas finanzjarju, jekk ikun hemm, u l-kobor tiegħu għall-Gvern jew għall-entità multinazzjonali jew internazzjonali jew fond ta' jew li fih Malta, taħt kwalunkwe ftehim, tifforma parti minnu jew għandha parti fih;

(ċ) ir-responsabbiltà ta' dak it-telf jew nuqqas; u

(d) kull somma jew ammont li bih persuna jew persuni qed tagħmel jew għamlu qligħ mhux xieraq jew ibbenefikaw b'konsegwenza ta' dak il-ksur.

(2) Is-Segretarju Permanenti għandu jinnotifika lill-persuna, li kienet infurmata bil-ksur skont is-subartikolu (1), bir-rapport.

(3) Fejn ir-responsabbiltà għat-telf jew nuqqas skont kif tkun stabbilita taħt is-subartikolu (1) tkun imputabbli għal żewġ (2) persuni jew aktar dawn għandhom jinżammu solidalment responsabbli għal dan flimkien.

Imgħax li għandu jiddekorri.

48. (1) Għandu jinġabar imgħax fuq kull somma jew ammont li jista' jiġi rkuprat taħt l-artikoli 45 u 46 għall-perjodu mid-data meta dan ikollu jitħallas hekk kif provdut fl-artikolu 49.

(2) L-imgħax li huwa provdut għalih fis-subartikolu (1) għandu jkun bl-ogħla rata permissibbli mil-liġi.

Notifika tal-*Accountant General.*

49. (1) L-*Accountant General* għandu jinnotifika, filwaqt li jiddikjara r-raġunijiet għal tali deċiżjoni, lil kull persuna jew persuni bil-proċeduri għall-irkupru ta' somma jew ammont taħt l-artikolu 45 jew għall-eżazzjoni tal-multa amministrattiva taħt l-artikolu 46.

(2) Meta l-pagament ta' kull somma jew ammont ma jseħħx fi żmien xahar (1) mid-data tan-notifikata lil persuna jew persuni skont is-subartikolu (1), l-*Accountant General* għandu l-ewwel jintima l-pagament mill-persuna jew persuni permezz ta' att ġudizzjarju, u jekk dan ma jseħħx, il-pagament għandu jiġi infurzat permezz ta' titolu eżekuttiv kif provdut skont l-artikolu 50 fi żmien tnax-il (12) jum mid-data tan-notifika.

(3) Għall-għanijiet tas-subartikolu (1), notifika tal-*Accountant*

General lil persuna jew persuni, li turi somma jew ammont dovuti jew kull multa amministrattiva u mgħax li għalihom dik il-persuna jew persuni huma soġġetti, sakemm mhux ipprovat xort'oħra, hija prova biżżejjed ta' dak dovut lill-Gvern minn dik il-persuna jew persuni.

Titolu eżekuttiv.

50. (1) Kull notifika mogħtija mill-*Accountant General*, hekk kif provdut fl-artikolu 49, għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għat-tifsir u l-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Kap. 12.

Iżda l-proċedura hekk kif provduta fl-artikolu 49 tiġi segwita f'kull każ qabel ma l-pagament jiġi esegwit bis-saħħa ta' dak it-titolu.

(2) Meta skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima pagament isir infurzabbli b'titolu eżekuttiv kontra entità ta' persuni l-*Accountant General* jista', mingħajr il-bżonn ta' ebda att ieħor, jipproċedi bl-infurzar kontra l-kap eżekuttiv, direttur eżekuttiv jew uffiċjal prinċipali, ta' dik l-entità ta' persuni li għandhom jitqiesu personalment obbligati għall-finijiet ta' din it-Taqsima.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-Att ikun biżżejjed li l-isem tal-entità ta' persuni biss tidher fuq in-notifika tal-*Accountant General*.

(4) F'kull proċediment biex jiġi kkontestat att eżekuttiv skont l-artikolu 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, min jikkontesta l-fatti hekk kif iddikjarati fin-notifika tal-*Accountant General* għandu jġorr l-oneru tal-prova.

Kap. 12.

Azzjoni għall-pagament mill-*Accountant General*.

51. (1) Kull somma, multa, ammont jew imgħax li għandha tiġi rkuprata jew miġbura taħt l-artikoli 45, 46 u 48, tista' tiġi mfittxija, skont il-każ, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, jew fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta fil-ġuriżdizzjoni ċivili tagħha, jew fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex fil-ġuriżdizzjoni ċivili tagħha mill-*Accountant General*, bl-ispejjeż kollha tal-kawża għall-persuna jew persuni debituri jew persuna jew persuni responsabbli.

(2) Kawża biex tinġabar xi somma, ammont, multa jew imgħax, tista' tinġieb f'kull waqt mid-data fejn issir dovuta skont l-artikolu 45 sa ħames (5) snin minn dik id-data.

(3) Il-perjodu ta' preskrizzjoni speċifikat fis-subartikolu (2) jiġi interrott permezz ta' att ġudizzjarju ppreżentat mill-*Accountant General* qabel ma jgħaddi dak il-perjodu li fih is-somma, ammont, multa jew imgħax ikun iddikjarat.

Dettalji.

52. Meta l-*Accountant General* iqis li hemm raġunijiet biżżejjed biex jemmen li sar ksur, huwa jista' jitlob lil persuna li hija uffiċjal jew impjegata ta' ministeru, dipartiment jew entità pubblika, kemm jekk

imħallsa jew xort'oħra, sakemm mhux marbuta bl-obbligu tas-sigriet professjonali, biex tagħti d-dettalji tal-persuna jew persuni speċifikati skont dan l-Att.

Prosekuzzjoni kriminali kontemporanja.

53. L-ebda proċediment taħt dan l-Att ma għandu jiġi sospiż minħabba li jitressqu proċedimenti jew li ssir prosekuzzjoni f'azzjoni kriminali relatata ma' ksur, u l-*Accountant General* għandu jżomm, jew imexxi biex jiġbor, kull somma, ammont, multa jew imgħax, jew il-Qorti għandha tkompli tisma' s-sottomissjonijiet u għandha tagħti sentenza jew digriet, daqslikieku tali azzjoni kriminali ma ġietx imressqa, madanakollu kull persuna li kontriha jkun ħareġ att eżekuttiv taħt din it-Taqsima tista' xorta waħda tirrikorri għand il-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Ċivili.

Ksur ta' obbligazzjonijiet internazzjonali.

54. Meta tinkiser xi dispożizzjoni jew obbligazzjoni, ta' jew taħt Att li jirregola xi entità jew fond multinazzjonali jew internazzjonali ta' jew li fih Malta tifforma parti jew qed tieħu sehem taħt kull trattat jew ftehim internazzjonali, kull proċediment kontemplat taħt din it-Taqsima għandu jiġi magħmul flimkien mal-entità maħtura responsabbli biex timplimenta jew tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dik id-dispożizzjoni jew obbligazzjoni.

Penalitajiet amministrattivi.

55. Il-Ministru jista' japplika s-sanzjonjiet amministrattivi xierqa għat-tneħħija parzjali jew totali jew għall-esklużjoni minn jew l-irtirar ta' vantaġġ, jew l-irtirar temporanju tal-approvazzjoni jew rikonoxximent meħtieġ għall-parteċipazzjoni f'benefiċċji, inċentivi, assistenza jew għajnuna marbuta ma' skema jew programm amministrat minn entità jew fond multinazzjonali jew internazzjonali ta' jew li fih Malta tifforma parti jew qed tieħu sehem taħt kull trattat jew ftehim internazzjonali, waqt proċeduri istitwiti taħt dan l-Att.

TAQSIMA VIII
VERIFIKA U ASSIGURAZZJONI

Dmirijiet tal-bank.

56. (1) L-*Accountant General* jista', f'kull waqt, jitlob lill-bank li fih ġew imħallsa flejjes pubbliċi, sabiex jibgħat għal rendikont li juri, skont id-data, kull somma rċevuta u mħallsa taħt kull kont miżmum mill-bank.

Dmirijiet ta' kull entità pubblika.

(2) L-*Accountant General* jista', f'kull waqt, jitlob lil kwalunkwe ministeru u dipartiment u entità pubblika li għandha kont bankarju sabiex tħejji rendikont li jirrikonċilja l-bilanċ tal-kont bankarju hekk kif jidher fil-kotba rispettivi mal-bilanċ tar-rendikont tal-bank.

(3) L-Awditur Ġenerali jista', f'kull waqt, jitlob lill-*Accountant General* jew lis-Segretarju Permanenti rispettivament, sabiex iħejji r-rendikonti indikati fis-subartikoli (1) u (2) flimkien, fejn hu possibbli, mar-rendikont tal-bank u fejn dan mhuwiex possibbli, flimkien maċ-

ċertifikat tal-bank li juri l-bilanċ tal-għeluq għal dak il-perjodu.

(4) Il-Ministru jista' jagħmel dawk ir-regolamenti neċessarji għall-implimentazzjoni aħjar ta' dan l-artikolu.

Miżuri kontra l-frodi u ksur. Kap. 396.

Kap. 461.

57. (1) Meta, wara li jkun hemm kxif ta' xi irregolarità jew frodi fir-rigward ta' flejjes pubbliċi, isir rapport skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, u tal-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji, li jiġi mibgħut jew riferit lil xi Kap ta' Dipartiment, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-ħarsien ta' dawk il-flejjes pubbliċi, inkluż il-ġbir ta' pieni amministrattivi skont ma jkun hemm f'regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 55 u azzjoni legali għall-irkupru tal-ammont ta' kull defiċjenza, telf, ħlas li jkun sar mhux kif imiss kaġunat jew magħmul bħala riżultat jew filwaqt li tkun qed isseħħ xi irregolarità jew frodi bħal dawk, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom ikunu japplikaw għal kull ammont li jista' jiġi rkuprat kif hawn qabel imsemmi.

Kap. 12.

(2) Sakemm mhux stipulat xort'oħra fil-kuntratt pubbliku, kull *bond*, garanzija bankarja jew titolu ieħor mogħtija sabiex kuntratt li jitħallas minn flejjes pubbliċi jkun jista' jitwettaq aħjar, għandhom ukoll jestendu sabiex jiggarantixxu l-irkupru ta' kull flejjes jew penali amministrattivi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kuntratt u li dwaru l-persuna li tkun qed tipprovdi l-*bond*, il-garanzija bankarja jew titolu ieħor tista' tkun responsabbli.

(3) Meta d-defiċjenza, telf, jew ħlas li jkun sar mhux kif imiss minħabba f'xi irregolarità jew frodi jkun jinvolvi flejjes li l-Gvern ikun irċieva minn xi organizzazzjoni jew korp internazzjonali jew taħt il-pattijiet ta' xi trattat jew ftehim ieħor bejn Stati, kull proċediment taħt dan l-artikolu għandu jsir f'konsultazzjoni mal-persuna f'Malta, jekk ikun il-każ, li tkun speċifikament inkarigata bl-awtorizzazzjoni tal-ħlas jew bir-rilaxx ta' dawk il-flejjes:

Iżda fin-nuqqas ta' konsultazzjoni, dan ma għandu bl-ebda mod jolqot il-validità ta' proċedimenti li jsiru taħt dan l-artikolu.

(4) Meta żewġ (2) persuni jew aktar ikunu responsabbli għall-irregolarità jew frodi li jkunu rriżultaw fin-nuqqas, telf, jew ħlas li jkun sar mhux kif imiss, dawk il-persuni għandhom jinżammu solidalment responsabbli għal dan flimkien ma' kull persuna oħra li, għalkemm kellha d-dmir li tagħmel dan, tkun naqset milli taġixxi in *bona fede* u naqset milli tieħu prekawzjonijiet raġonevoli u milli teżerċita diliġenza kif dovuta biex tipprevjeni dik l-irregolarità jew frodi.

(5) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu jew f'din it-Taqsima ma għandha tinftiehem bħala li tipprekludi lil xi persuna oħra li jkollha interess milli tieħu azzjoni, sew flimkien mal-Kap tad-Dipartiment sew xort'oħra, għall-irkupru ta' kull somma li tista' tiġi rkuprata taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Imgħax li jintalab.

58. Għandu jintalab fuq kull ammont li jista' jiġi rkuprat taħt l-artikolu 57, l-ogħla rata ta' mgħax għall-perjodu li matulu l-ammont jibqa' mhux imħallas mid-data minn meta jkun dovut.

Tagħrif uffiċjali.

59. Għall-fini li jinġabru l-flejjes li jistgħu jiġu rkuprati taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 57, kull Kap ta' Dipartiment li jirċievi jew li lilu jiġi riferit rapport skont ma hemm provdut f'dak l-artikolu jista', mingħajr preġudizzju għal kull rabta li jkollu ta' segretezza professjonali skont il-liġi, jeħtieġ lil kull min ikun qed jamministra flejjes pubbliċi biex jipprovdi kull tagħrif li jkollu għal dak l-għan.

Regolamenti għal pieni amministrattivi.

60. Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jipprovdi dwar pieni amministrattivi li jistgħu jiġu imposti għal kull irregolarità, dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-impożizzjoni ta' dawk il-pieni u dwar kull ħaġa oħra inċidentali jew supplimentari għal kull ħaġa minn dawn hawn qabel imsemmija:

Iżda piena amministrattiva ma tistax tkun iżjed minn mija u għoxrin elf euro (€120,000).

TAQSIMA IX
INVESTIMENTI

Setgħat biex isir investiment.

61. (1) Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jara li kull wieħed mill-bilanċi tal-Kont Pubbliku jew ta' kull kont ieħor, jew xi parti minnu, jiġu impjegati f'isem il-kont xieraq, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-pattijiet li jqis xierqa, fix-xiri ta' dawk it-titoli li jista' minn żmien għal żmien jiddikjara li jkunu titoli li fihom jistgħu jiġu investiti flejjes pubbliċi.

(2) L-imgħax miġbur fuq titoli mixtrija skont is-subartikolu (1) għandu, sakemm ma jkunx provdut xort'oħra f'dan l-Att jew f'xi liġi oħra, jitqiegħed fil-Kont Pubbliku jew f'xi kont ieħor affavur tal-fond jew kont xieraq li lilu japparjtenu t-titoli.

Investimenti f'titoli jridu jkunu miżmuma f'isem il-Gvern ta' Malta.

62. Investimenti f'titoli għandhom, f'kull ċirkostanza, jiġu magħmula f'isem il-Gvern.

Bord għat-Titoli tal-Gvern.

63. (1) (a) Għandu jitwaqqaf Bord għat-Titoli tal-Gvern li jkun magħmul minn tliet (3) persuni u jkun fdat bil-kustodja sigura tat-titoli kollha tal-Gvern.

(b) Is-Segretarju Permanenti għall-Ministeru responsabbli mill-finanzi għandu jkun iċ-*chairman ex officio*, filwaqt li ż-żewġ (2) membri l-oħra għandhom ikunu appuntati għal terminu fiss ta' mhux aktar minn tliet (3) snin mill-Ministru skont dawk it-termini u kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-ittra tal-ħatra.

(ċ) Il-Bord għandu jkun assistit minn segretarju.

(d) Kull membru tal-Bord għat-Titoli tal-Gvern jista', matul il-kariga tiegħu, jitneħħa mill-Ministru jekk ikun sodisfatt li hemm każ ċar ta' mġiba ħażina ta' dak il-membru jew inabilità biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jew li jeżistu ċirkustanzi li jiskwalifikaw dak il-membru milli jkompli fil-kariga ta' membru tal-Bord għat-Titoli tal-Gvern.

(e) Membru tal-Bord għat-Titoli tal-Gvern jista' jirriżenja l-ħatra tiegħu fuq il-bord permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru.

(2) Il-Bord għat-Titoli tal-Gvern għandu jkollu biss il-kustodja ta' dawk it-titoli f'isem il-Gvern ta' Malta u l-Bord għat-Titoli tal-Gvern ma jkunx jista' jieħu xi miżuri dwar dawk it-titoli ħlief kif provdut b'dan l-Att.

(3) Titoli miżmuma dwar kull fond jew kont għandhom jinżammu separati u mwarrbin minn dawk ta' kull fond jew kont ieħor u għandhom jinżammu u jiġu użati biss għall-iskopijiet ta' dak il-fond jew kont.

Bejgħ jew bidla fit-titoli.

64. Kull meta jkun jidher lill-Ministru li jkun xieraq fl-interess tal-Gvern, huwa jista' minn żmien għal żmien jara li dawk it-titoli, jew xi parti minnhom, jiġu mibjugħa jew mibdula fi flus u r-rikavat jew imqiegħed affavur tal-fond jew kont xieraq li lilu jappartjeni jew jiġi investit mill-ġdid, f'isem il-fond jew kont xieraq, fix-xiri ta' xi titoli oħra awtorizzati skont dan l-Att.

Mod kif it-titoli jistgħu jiġu mibjugħa, konvertiti jew mibdulin.

65. Sabiex jiġi faċilitat il-bejgħ, konverżjoni, bidla jew tneħħija xort'oħra ta' dawk it-titoli, kif ikun meħtieġ, il-Bord għat-Titoli tal-Gvern għandu, fuq talba bil-miktub tal-Ministru jew ta' xi impjegat ieħor awtorizzat kif imiss minnu bil-miktub għal hekk, iħallu l-pussess tat-titoli u jiffirmaw bla dewmien dawk id-dokumenti li jistgħu jkunu meħtieġa għall-bejgħ, konverżjoni, bidla jew tneħħija oħra tagħhom. It-talba għandha tispeċifika l-iskop li għalih it-titoli msemmija fiha jkunu meħtieġa.

Rendikont tat-titoli għandu jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

66. L-*Accountant General* għandu kull sena jipprepara u jgħaddi lill-Awditur Ġenerali rendikont tat-titoli kollha miżmuma f'Malta u barra minn Malta.

Spezzjoni u verifika tat-titoli. Kap. 396.

67. It-titoli kollha miżmuma f'Malta u barra mill-pajjiż għandhom ikunu spezzjonati u jew verifikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

TAQSIMA X
ĠESTJONI U KONTROLL TAL-ASSI

Ġestjoni u kontroll tal-assi.

68. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jkun responsabbli mill-ġestjoni tal-assi tad-dipartiment, u għandu jiżgura li jkun hemm fis-seħħ sistemi ta' kontroll korretti għall-kustodja u l-ġestjoni ta' dawk l-assi.

Linji gwida dwar kontabilità u rappurtar.

69. (1) Is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-finanzi għandu joħroġ linji gwida għall-kontabilità tal-assi tal-ministeri, dipartimenti u entitajiet pubbliċi għar-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta' dawk l-assi.

(2) Is-Segretarju Permanenti responsabbli mill-finanzi u l-*Accountant General* għandhom joħorġu linji gwida għall-ġestjoni u l-kontroll tal-assi tal-entitajiet pubbliċi.

Reġistru tal-assi.

70. (1) Kull ministeru, dipartiment jew entità pubblika għandu jżomm reġistru tal-assi kollha miżmuma.

(2) Ir-reġistru tal-assi miżmum minn kull ministeru, dipartiment jew entità pubblika għandu jsir fil-format kif ipprovdut mill-*Accountant General*.

Sistema ta' kontroll.

71. (1) Bil-għan li ministeru, dipartiment u entità pubblika jkun salvagwardjat minn serq, frodi, irregolaritajiet, użu ħażin, telf u ħela, is-sistema ta' kontroll għandha tinkludi:

(a) mekkaniżmi ta' prevenzjoni;

(b) mekkaniżmi ta' detezzjoni; u

(ċ) mekkaniżmi korrettivi.

(2) Il-Kap ta' Dipartiment għandu jiżgura li l-proċessi, kemm dawk manwali kif ukoll dawk elettroniċi, u l-proċeduri jkunu fis-seħħ għall-użu effettiv, effiċjenti, ekonomiku u trasparenti tal-assi.

Spezzjoni u rappurtaġġ dwar facilitajiet ta' ħażna.

72. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jiżgura li l-assi tal-ministeru, dipartiment jew entità pubblika taħt ir-responsabbiltà tiegħu jiġu spezzjonati u rappurtati hekk kif stabbilit mill-*Accountant General*, sabiex tiġi kkonfermata l-eżistenza u l-kundizzjoni tal-assi u tal-faċilitajiet ta' ħażna.

Bord ta' Stħarriġ.

73. Il-Kap ta' Dipartiment għandu jaħtar Bord ta' Stħarriġ biex jistħarreġ l-assi tal-ministeru, dipartiment, jew entità pubblika hekk kif

stabbilit mill-*Accountant General* kif provdut fl-artikolu 69.

Kompożizzjoni tal-Bord ta' Stħarriġ.

74. Il-Bord ta' Stħarriġ għandu jkun magħmul minn tal-inqas żewġ (2) impjegati pubbliċi, li ħadd minnhom ma jkollu responsabilità diretta għall-assi li għandhom jiġu mistħarrġa.

Regolamenti għat-tħassir u tneħħija ta' assi tal-Gvern.

75. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għat-tħassir u t-tneħħija ta' assi tal-Gvern.

Assi.

76. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "assi" tfisser assi fiżiċi mhux kurrenti u mhux assi finanzjarji.

TAQSIMA XI
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Direttivi.

77. (1) Il-Ministru responsabbli mill-finanzi jew kull persuna oħra jew entità ta' persuni ddelegati mill-Ministru, jistgħu, minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, joħorġu direttivi kif provdut fis-subartikolu (2) lil kull awtorità, bord, fondazzjoni, korporazzjoni, istitut, aġenzija, kummissjoni, kumpanija jew kull entità oħra li wieħed u ħamsin fil-mija (51%) jew aktar tagħha huwa tal-Gvern jew li l-Gvern għandu fuqha kontroll effettiv jew li wieħed u ħamsin fil-mija (51%) jew aktar tad-dħul tagħha ġej minn flejjes pubbliċi jew flejjes riċevuti skont xi liġi.

(2) Id-direttivi msemmija fis-subartikolu (1) jistgħu jirregolaw:

(a) ir-reklutaġġ ta' impjegati u, jew ir-rimunerazzjoni tagħhom;

(b) l-akkwist ta' assi fissi, servizzi, konsulenzi, kuntratti ta' kull tip dwar spejjeż operattivi u, jew amministrattivi jew u meta tali direttivi jinħarġu, il-Bord tad-Diretturi jew Bord ieħor responsabbli mill-entità għandu jassigura li d-deċiżjonijiet meħuda fuq livell ta' Bord u livell maniġerjali jirrispettaw tali direttivi.

Kunflitti.

78. Sakemm mhux provdut xort'oħra fl-artikolu 77, meta xi dispożizzjoni ta' xi liġi oħra tikkonfliġġi ma' dispożizzjoni ta' dan l-Att, il-liġi l-oħra għandha tipprevali.

Tħassir tal-Kap. 174.

79. L-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika huwa b'dan imħassar:

Iżda kull regolament, direttiva, ordni jew regola magħmula taħtu għandhom jitqiesu li saru taħt dan l-Att.

80. (1) Mat-telf ta' xi riċevuta jew dokument li jintitola lid-detentur tiegħu jew lill-persuna msemmija fiha li tiġbed minn xi dipartiment tal-Gvern xi somma ta' flus jew xi ħaġa ddepożitata hemmhekk, l-*Accountant General* jista', kif jirċievi prova ta' dan it-telf mill-kap permanenti tad-dipartiment konċernat, jawtorizza li jinħareġ dokument jew irċevuta duplikata ta' dak mitluf, provdut li jingħata indenizz bil-miktub li jissodisfa t-talbiet li jistgħu jsiru kontrih dwar il-ħruġ tad-dokumenti jew riċevuti duplikati. Telf ta' titolu għal beni u depożiti.

(2) L-*Accountant General* għandu fid-diskrezzjoni tiegħu jew fir-responsabbiltà tiegħu jiddelega bil-kitba, skont il-kundizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa, is-setgħat mogħtija lilu taħt dan l-artikolu lil xi impjegat pubbliku fi grad mhux anqas minn dak ta' Prinċipal jew xi grad simili li fil-fehma tiegħu jkun xieraq għal dawn il-funzjonijiet.

(3) Il-Ministru jista' jippreskrivi għall-ġbir ta' dritt fuq il-ħruġ ta' dawk l-irċevuti jew dokumenti duplikati.

81. Sa fejn huwa konsistenti mal-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, xejn hawn taħt ma għandu jkun ta' ħsara, jew miżmum jew interpretat bħala ta' ħsara, għall-validità ta' kull att magħmul u lanqas ma għandu jeżenta lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa li ma saritx, jew kull dritt vestit skont kull liġi mħassra minn dan l-Att, jew kull regolament, direttiva, ordni jew regola magħmula taħtu: Dispożizzjonijiet transitorji.

Iżda l-effett ta' kull att jew ommissjoni għandu jkompli malbidu fis-seħħ ta' dan l-Att daqslikieku magħmula taħtu:

Iżda wkoll kull referenza għall-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, jew kull regolament, direttiva, ordni jew regola magħmula taħtu, għandhom jitqiesu bħala referenza għal dan l-Att jew kull liġi oħra li tista' minn żmien għal żmien temendah, tissupplimentah jew tissostitwixxih. Kap. 174.

82. F'każ ta' kunflitt bejn il-verżjoni Ingliża u dik Maltija ta' dan l-Att, il-verżjoni Ingliża tipprevali. Lingwa.

SKEDA
[ARTIKOLU 13]

Regoli għall-Ħdim tal-Fond ta' Kontinġenzi

1. Avvanzi mill-Fond ta' Kontinġenzi għandhom isiru bl-awtorità ta' *warrant* taħt il-firma tal-Ministru.

2. L-ammont li għalih xi *warrant* jiġi maħruġ għandu jiġi rtirat

mill-Fond ta' Kontinġenzi u għandu jiġi mħallas fil-Fond Konsolidat biex issir in-nefqa speċifikata fuq il-*warrant* u l-flejjes li jkun hemm fil-fond għandhom jiġu mnaqqsa skont hekk. Kull ammonti rtirati u li jibqgħu mhux minfuqa fit-tmiem tas-sena għandhom jiżdiedu mal-Fond Konsolidat.

3. Kull *warrant* li jawtorizza l-ħruġ ta' somma mill-fond għandu jispeċifika taħt liema kap jew kapi tal-estimi ta' nefqa għandha tiġi reġistrata n-nefqa tas-somma maħruġa u dik in-nefqa għandu jingħata kont tagħha bl-istess mod bħallikieku kienet ġiet awtorizzata b'Att ta' Approprjazzjoni supplimentari.

4. Kull irtir mill-fond għandu jkun inkluż f'estimu supplimentarju u Abbozz ta' Liġi ta' Approprjazzjoni għandu jitressaq quddiem il-Kamra kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi approprjata mill-Fond Konsolidat għall-Fond ta' Kontinġenzi somma daqs it-total tas-somom irtirati u mhux ġa rimborżati b'approprjazzjonijiet ta' qabel mill-Fond Konsolidat hekk illi l-Fond ta' Kontinġenzi jerġa' jitqiegħed għall-ammont approprjat skont l-artikolu 13.

5. L-ebda flejjes ma għandhom jinġabru għall-fond li ma jkunux flejjes approprjati b'Att u kull imgħax jew ġbir ieħor li xort'oħra jistgħu jiġu riċevuti mill-fond għandhom jinġabru għall-Fond Konsolidat.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 247 tad-9 ta' Lulju, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati